**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Christian Cauchi]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 578/2024**

**Illum, sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- detentur tal-karta tal-identità -Omissis-** akkuzat talli nhar is-Sibt 20 ta' Lulju 2024 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu (08:30hrs) u/jew fil-hinijiet ta' qabel dan gewwa r-residenza -Omissis- u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer Maltin:

1. **Ikkaguna lil ommu -Omissis biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-propjetaà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, u dan meta d-delitt twettaq minn membru tal-familja li hi persuna li tghix mal-vittma, kif ukoll twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt kif ukoll id-delitt ikkawza offiza gravi fizika jew psikologika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-Artikolu 251B, 251H (a)(f)(h) u 251HA tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Ikkaguna lil ommu -Omissis- biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, u dan meta d-delitt twettaq minn membru tal-familja li hi persuna li tghix mal-vittma, kif ukoll twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt kif ukoll id-delitt ikkawza offiza gravi fizika jew psikologika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-Artikolu 251(3), 251H (a)(f)(h), u 251HA tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3. U aktar talli nhar is-Sibt 20 ta' Lulju 2024 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00HRS) u/jew fil-hinijiet ta' qabel dan gewwa dawn il-gzejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil -Omissis- biex taghmel jew tonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex jimmalafama lil -Omissis- jew xi persuni ohra u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u taht l-istess cirkustanzi hebb kontra -Omissis- sabiex jingurjaha, idejjaq jew jaghmel hsara lil -Omissis-, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-kodici u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5. U aktar talli nhar is-Sibt 20 ta' Lulju 2024 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu (08:00HRS) u/jew fil-hinijiet ta' qabel kif ukoll ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00HRS) u/jew fil-hinijiet ta'**

**qabel dan gewwa fond numru -Omissis- u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer Maltin ghamel lil -Omissis- ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluz fil-mori tal-kawza kontra -Omissis- ghal beneficcju ta' -Omissis- u l-familjari taghha u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet ukoll mitluba li f' kaz ta' htija, jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba illi flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taht l-artikolu 412C u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistghu jsiru arrangamenti adatti ghal trattament, il-Qorti hi gentilment mitluba li tohrog ordni ta' trattament li tkun tehtieg li l-persuna akkuzata taccetta**

**li jsirilha trattament bla hsara ghal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tnizzel fl-ordni u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena 2024 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a favur il-parte civile datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena 2024;

Rat id-dokumenti esebiti;

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi semghet lill-Probation Officer **Joanna Farrugia** li giet mahtura minn din il-Qorti sabiex thejji Pre-Sentencing Report fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena 2024. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. JF1. Tghid li hi kienet issegwi lill-imputat fil-passat u dan stante ordni ta' supervizjoni abbinata ma' sentenzi sospizi li nghataw fis-sena 2016 u 2019. Tghid ukoll li dak iz-zmien l-imputat kien ibghati hafna mill-vizzju tad-droga tant li kien spicca minghajr post fejn jghix. Izzid tghid li llum il-gurnata t-testijiet tal-awrina tal-imputat qeghdin jirrizultaw bhala clean u anke l-imputat ghandu xoghol stabbli. Izzid tghid però li l-problema principali hija r-relazzjoni li hemm bejnu u bejn ommu. Tixhed però li l-imputat lahaq sab residenza alternattiva tramite kirja minghand terzi.

Tixhed li hi tirrakkomanda ordni ta' probation u li tali ordni m'ghandux ghalfejn ikun fit-tul. Tippreciza li l-perjodu idoneu ghandu jkun dak ta' bejn sena (1) jew tmintax (18)-il xahar. Izzid tghid ukoll li hi ma dahlitx fil-kwistjoni li hemm bejn l-imputat u l-parte civile izda tixhed li r-relazzjoni ta' bejniethom tant iddeterjorat li jkun ahjar ghaz-zewg partijiet li jsegwu t-toroq rispettivi taghhom. Tghid li hi ma rrakkomandatx family therapy stante li l-imputat mhux ser ikun qieghed jirrisjedi fl-istess propjetà ma' ommu.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar theddid tramite mezzi elettronici li ntbghatu mill-imputat lill-vittma kif ukoll dwar biza' li l-imputat kien ser jikkawza vjolenza fuq l-istess vittma li hija ommu. Oltrè minn hekk l-imputat fis-seduta datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena 2024 ammetta ghal tali reati. Illi di più din il-Qorti hija konsapevoli ta' dak dikjarat mill-imputat u cioè li huwa lest li johrog mid-dar ta' ommu bil-hwejjeg personali tieghu sat-tmintax (18) t' Awwissu tas-sena 2024.

Illi l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li dan il-kaz huwa purament wiehed socjali u li ghalhekk ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation hija essenzjali ghar-rigward jekk l-imputat ghandux jinghata piena karcerarja o meno.

Illi jrid jinghad li matul dawn il-proceduri din il-Qorti nnutat li l-imputat aderixxa ruhu mal-istruzzjonijiet professjonali li nghatawlu. Di più r-rapport finali tal-Probation Officer Joanna Farrugia joffri konfort lil din il-Qorti li l-imputat huwa lest li jbiddel it-triq tieghu. Referenza ssir ghar-rapport tal-istess Probation Officer li tghid hekk:

*"Infatti test tal-urina li ttehidlu fi hdan id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fit-2 ta' Awwissu 2024 irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi tal-kokaina, eroina, kannabis, amfetamina u metamfetamina;*

*Fil-prezent huwa qed jahdem, fejn qed isuq il-mini-buses u gab it-tag ghal dan il-ghan. Appartiminn hekk, huwa wkoll jghin lill-imghallem tieghu fir-remissa jhodlu hsieb l-annimali. Barra minn hekk, hu wkoll involute hafna fil-muzika rap u jipproduci diski;"*

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Probation Officer Joanna Farrugia kkonkludiet fir-rapport taghha:

*"Huwa importanti li -Omissis- jibqa' jzomm stabbilita` f' hajtu permezz tal-impjieg u jibqa' jzomm 'il boghod mid-droga u jsib l-indipendenza tieghu 'l boghod mill-familja tieghu.*

*Ghal dawn il-motivi tinhass li Ordni ta' Probation hija xierqa f'dawn ic-cirkostanzi b'hekk l-Ufficjal tal-Probation qed tirrakkomanda lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation*

*skont l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ufficju thoss li l-perjodu ta' supervizjoni m'ghandux ikun wiehed twil peress li fil-prezent l-imputat jidher li qed jghix hajja pjuttost stabbli hlief ghal problem familjari u li jekk ikun qed jghix ghal rasu dawn ghandhom b'mod konsiderevoli.*"

Illi ghalhekk il-Qorti ser taghmel taghha din l-osservazzjoni filwaqt li l-istess osservazzjoni ser tigi riflessa fil-piena.

Illi però din il-Qorti taf li mhux kollox ward u zahar. Il-Qorti tinnota li minkejja li l-imputat lest li jzomm 'il boghod minn sustanzi lleciti u anke li jkompli jimpjega ruhu, l-istess ma jistax jinghad ghar-relazzjoni tieghu mal-parte civile u cioè ommu. Hija verament hasra li iben u omm huma daqshekk inkompatibbli ma' xulxin.

Illi ampja referenza qieghda ssir ghax-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation:

"*Xhud:* *… Hemm l-affarijiet fir-rapport, em pero` qisha tant iddeterjorat il-eh, ir-relazzjoni li ahjar they go their separate ways at this point.*

*…*

> *Jekk hu johrog mid-dar nahseb li s-sitwazzjoni ha tinbidel hafna. Eqq, ha ha jkun, mhux ha jkunu qieghdin fl-istess dar qishom ma jistghux jibqghu jghixu."*

Illi ghalhekk il-Qorti ssib iktar konfort ghal dak li gie vverbalizzat fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena 2024 u cioè li hu ser ikun qieghed jirrisjedi gewwa propjetà ohra. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis din id-dinamika bejn il-partijiet fil-piena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202, 251 (3), 251B, 251H (a)(f)(h), 251HA, 339 (1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat -**Omissis**- hati tal-akkuzi kollha fuq ammissjoni u stante li l-t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi huma assorbiti fl-akkuzi l-ohra, tpoggih taht Ordni ta' Probation u dan kif dettat mill-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2).

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat -**Omissis**- ghal Ordni ta'

Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien sentejn (2) u liema ordnijiet ghandhom jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**